# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 8**

**Rik. Nru. 484/2022 ISB**

**Samih Fakhry Boutrous Malty**

(Detentur tal-Passaport Eġizzjan Numru 1569187)

**Vs**

**L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali u**

**L-Avukat tal-iStat**

**SENTENZA IN PARTE RIGWARD L-EWWEL EĊĊEZZJONI TAL-INTIMATI L-AĠENZIJA GĦAL PROTEZZJONI INTERNAZZJONALI U L-AVUKAT TAL-ISTAT KIF KONTENUTA FIR-RISPOSTA TAGĦHOM INTAVOLATA FL-1 TA' NOVEMBRU 2022 RIGWARD IN-NON-EŻAWRIMENT TA' RIMEDJU ORDINARJU**

## Il-Qorti,

Rat ir-**Rikors** ta' **Samih Fakhry Boutrous Malty**, tal-15 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara illi l-proċedura amministrattiva hekk spjegat mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u stabbilita' fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Kap. 420 l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali senjatament fl-Artikolu 23 tal-Kap 420 et seq, imur kontra l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (Riformulazzjoni) kif ukoll id-drittijiet għall-'effective remedy' taħt l-Artikolu 13 tal-ECHR u hija kuntlarja għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni tar-Reppublika ta' Malta;*

2. *Konsegwnetament, tiddikjara illi r-rikorrenti ma setgħax jeserċita d-drittijiet tiegħu gil-kuntest tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li għamel mal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, partikolarment minħabba li ma seta' jappella bl-ebda mod mid-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu;*

3. *Tordna dawk il-miżuri li l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa sabiex tiġi rrimedjata is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, u li r-rikorrenti jingħata l-opportunita' sabiex jeserċota d-dritt għal rimedju effetiv fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li ġiet meqjusa bħala 'manifestly unfounded'.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi r-rikorrenti Samih Fakhry Boutrous Malty, mwieled f'Beni Suef l-Eġittu u li huwa ta' nazzjonalita' Eġizzjana, u li issa ilu refuġjat f'Malta għal erbatax-il sena. Illi r-rikorrenti wasal Malta fis-sena 2007 u qiegħed jirrisjedi fi Flat 4, 'Oasis' Triq Alka, San Pawl il-Baħar.*

2. *Illi fit-22 ta' Marzu tal-2019, r-rikorrenti mar l-Uffiċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati (illum l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali) sabiex japplika għall-protezzjoni internazzjonali u għalhekk ġie irreġistrat bħala applikant hekk mfisser taħt l-Artikolu 2 tal-Kap 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali;*

3. *Illi fl-10 ta' Diċembru 2020, l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-protezzjoni internazzjonali ġiet formalment irreġistrata fl-uffiċju tal-Kummissarju għar-Rifuġjati u dik l-istess ġurnata ġie intervistat minn casework mill-istess Uffiċju flimkien ma' interpretu;*

4. *Illi r-rikorrenti fl-applikazzjoni tiegħu li ġġib ir-referenza 25428 annessa bħala* ***Dok. SF1****, spjega fid-dettal dwar ir-raġunijiet li wassluh biex jaħrab mill-Eġittu;*

5. *Illi wara lir-rikorrenti ddikjara dawn il-fatti fl-applikazzjoni tiegħu, l-aġenzija tal-protezzjoni internazzjonali nfurmaw lill-attur illi ma tagħax biżżejjed*

*provi sabiex juri illi kien f'periklu ta' persekuzzjoni f'pajjiżu l-Eġittu hekk taħt l-**Artikolu 9 tal-Qualification Directive** jew li ser jesperjenza trattament ta' tortura hekk spejgat taħt l-Artikolu 15(a) u (b) tal-Qualification Directive, u li l-pajjiż tal-Eġittu mniżżel bħala wieħed mill-lista ta' 'safe countries of origin'.*

6. *Illi bħala konklużjoni ta' dawn il-fatti, l-aplikazzjoni tar-rikorrenti ġiet irreġettata bħala 'manifestly unfounded' u għalhekk ir-rikorrenti għad m'għandux status ta' ażil ġewwa Malta, u dan kid jidher mid-deċiżjonijiet annessi bħala **Dok. SF 2** u **Dok. SF 3**;*

7. *Illi skont il-proċedura tal-'accelerated procedure', wara li l-applikazzjoni tiġi rifjutata wara li tkun tqieset bħala 'manifestly unfounded', din tiġi riveduta miċ-Chairperson tat-Tribunal mingħajr opportunita' ta' appell jew li tiġi kkontestata mill-applikant permezz ta' rappreżentanza legali.*

8. *Illi għalhekk dan il-proċess ma' jistax jiġi kkunsidrat bħala 'effective remedy' hekk iggarantit taħt l-Artikolu 13 ECHR li jgħid "**Everyone whose rights and freedoms ara set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority.**".*

9. *Illi r-rikorrenti jagħmel referenza għas-sentenza ta' **"Panayotova and Others" (Case C-327/02, 2004, Para. 27)** fejn il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea qalet illi "It should be remembered,.. that Community law requires effective judicial scrunity of the decisions of national authorities taken persuant to the applicable provision of Community law, and that this principle of effective judicial protection constitutes a general principle which stems from the constitutional traditions common Member States and is enshrined by the European Convention for the Protection of Human rights and Fundamental Freedoms". Apparti dan, fis-sentenza **"Verholen" (Case C-87/90, 1991, Para.24)**, l-istess Qorti qalet illi "Moreover, whilst it is in principle for national law to determine an individual's standing and legal interest in bringing proceedings, Community law neverthless requires that the national legislation does not undermine the right to effective judicial protection".*

10. *Illi d-dispożizzjoni tal-Artikolu 23(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet imċaħħda mid-dritt tagħha li tappella kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata hija waħda arbitrarja u leżiva għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kemm a bażi tad-dritt ta' smiegħ xieraq kif ukoll ta' protezzjoni minn diskriminazzjoni u aċċess għall-Qrati;*

11. *Illi d-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u irtirar għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) jistipula kriterji li għandhom jintlaħqu sabiex applikazzjoni tkun tista' ssir permezz tal-proċedura tal-'accelerated proceedings'*

12. *Illi jirriżulta ampljament kif dawn ir-rekwiżi huma assenti mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 420, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali li jirregolaw il-proċess tal-'accelerated procedures', u għaldaqstant huwa evidenti lid-Direttivi 2013/32/EU ma' ġiets implimentata bi sħiħ fil-liġi Maltija;*

13. *Illi dan wassal biez l-esponenti sofra minn proġudizzju irrimedjabbli minħabba li skond il-Liġi ta' Malta m'hemm ebda' mod biex dan il-proġudizzju jiġi rimedjat;*

14. *Apparti dan, ir-rikorrenti jagħmel referenza għall-Artikolu 2(1) ECHR li tiggarantixxi "positive obbligation" fuq l-istat sabiex jipproteġi l-ħajja tar-refuġjata li jinsabu fit-territorju tal-pajjiż kkonċernat. Illi skont is-sentenza li ngħatat mill-Qorti fi Strasbourg, bl-isem **'LCB v United Kingdom' (App. 23413/94)**, 9 ta' Ġunju 2004, u '**Öneryildiz v Turkey**' (App. 48939/99) 30 ta' Novembru 2004, fejn il-Qorti ddikjarat illi l-obbligazzjoni 'to take appropriate steps to safeguard the lives of those within the State's jurisdiction must be contrued as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake'.*

15. *Illi r-rikorrenti jagħmel referenza għas-sentenza ta' **"Osman v United Kingdom" (App. 23452/94) (28 ta' Ottubru 1998)**, fejn il-Qorti fi Strasbourg spejgat illi l-Istat ikun qiegħed jivvjola l-Artikolu 2 tal-ECHR "if it could be established that they knew or ought to have known at the relevant time of the existence of a real and immediate risk party, and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk".*

16. *Illi għalhekk kellha issir il-kawża odjerna.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors promotur (fol 4 sa fol 33);

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu, il-kawża ġiet appuntata għat-28 ta' Novembru 2022 fl-10:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u tal-Avukat tal-Istat** intavolata fl-1 ta' Novembru 2022 (fol 36), b'dokument hemm anness, li permezz tagħha eċċepew:

*Illi l-lanzjanza tar-rikorrent hija li allegatament il-procedura amministrattiva quddiem l-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali u t-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali fejn applikazzjoni ghal azil illi tigi michuda bhala manifestly unfounded tiehu t-triq ta' accelerated procedure taht l-artikolu 23 et sequitur tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta tmur kontra l-artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Gunju 2013 dwar procedura komuni ghall-ghoti u l-irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali (Riformulazzjoni) kif ukoll id-dritt fundamentali taht l-artikolu 13 tal-ECHR u hija kuntrarja ghad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u b'hekk qieghed jitlob dikjarazzjoni illi huwa ma setax jezercita d-drittijiet tieghu fil-kuntest tal-applikazzjoni ghal protezzjonali internazzjonali partikolarment minhabba li ma setax jappella bl-ebda mod mid-decizjoni fil-konfront tieghu u mizuri minn dina l-Onorabbli Qorti li huma xierqa sabiex tigi rrimedjata s-sitwazzjoni tar-rikorrent inkluz l-opportunita' sabiex jezercita d-dritt ghal rimedju effettiv fil-kuntest tal-applikazzjoni ghall-protezzjoni Internazzjonali li giet meqjusa bhala 'manifestly unfounded';*

*Illi s-segwenti eccezzjonijiet qieghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

***Eccezzjonijiet Preliminari***

1. ***Illi r-rikorrent qiegħed jattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-konvenuti talli giet michuda t-talba, u allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed jgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi;***

   ***Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizza l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;[1]***

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghall-kaz odjern stante illi l-garanziji mahsuba fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkoprux proceduri ta' azil, ghaliex proceduri dwar id-dhul, permanenza jew deportazzjoni ta' persuni barranin ma jittrattawx determinazzjoni tad-drittijiet jew obbligi civili taghhom, u lanqas ma jekwivalu ghal proceduri kriminali (vide* ***Maaouia vs France*** *(QEDB, 05/10/2000) u s-Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali moghtija fit-29 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet "****Amin Ruhul vs Kummissarju tal-Pulizija et****" (250/19MCH));*

3. *Illi l-esponenti jecepixxu illi t-talba mfissra fir-rikors promotur ghal lezjoni tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija improponibbli stante illi Article 13 has no independent existence; it merely complements the other substantive clauses of the Convention and its Protocols (Zavoloka v. Latvia, 2009, § 35 (a)). It can only be applied in combination with, or in the light of, one or more Articles of the Convention or the Protocols thereto of which a violation has been alleged. To rely on Article 13 the applicant must also have an arguable claim under another Convention provision.[2];*

4. *Illi l-esponenti jecepixxu safejn ir-rikorrent qieghed jitlob fl-ewwel talba illi l-artikoli 23 et sequitur tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta jmorru kontra l-artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU, tali talba ma tistax tigi akkolta stante illi tmur kontra d-dettami tal-artikolu 154 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi tali talba ma tressqitx permezz tal-forma ta' rikors guramentat u fl-isfond tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 164 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;[3]*

***Eccezzjonijiet fil-Mertu***

5. *Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jallega li ma nghatax smiegh xieraq mit-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u li d-decizjoni tal-istess Tribunal hija wahda mhux korretta, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali ghas-semplici raguni, li skont huwa, awtorita' gudizzjarja tkun zbaljata fis-sentenza taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li*

[1] Illi dan qiegħed jiġi rilevat fis-sfond tas-stat ta' fatt illi d-deċiżjoni tal-intimat Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali hija datata 14 ta' Diċembru 2020 u d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali hija datata 4 ta' Jannar 2021 u b'hekk ix-xelta tar-rikorrent illi jipproċedi b'rikors kostituzzjonali u mhux stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv hija abbuż sfaċċjat tal-proċeduri ġudizzjarji bl-għan li jiġi sorvolat it-terminu ta sitt (6) xhur dekadenza envist fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] *Vide Guide on Article 13 of the European Convention on Human Rights Right to an effective remedy Updated on 30 April 2022;*

[3] *Vide* is-Sentenza res Judicata in parte fl-ismijiet *"Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali" deciza fl-1 ta' Marzu 2022 (318/2020TA)*

*mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-Qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-Qrati ordinarji (jew Tribunal u Bordijiet) iddecidewx b'mod tajjeb u korrett tilwima. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrent qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu fattwali tal-appell deciz mit-Tribunal tal-Appelli ghall-Protezzjoni Internazzjonali. Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrent imkien ma jfisser kif gie vjolat id-dritt ta' smigh xieraq izda dak li qieghed jaghmel huwa li jikkontesta l-mod li ddecieda l-appell in konfront tieghu it-Tribunal u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ibbaza l-istess Tribunal. Fil-fehma tal-esponenti tali kontestazzjoni tohrog 'il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni;*

6. *Illi mhux kull interpretazzjoni hazina tal-fatti twassal ghal ksur tad-dritt fundamentali u mhux kull meta kawza tintilef minhabba interpretazzjoni jew apprezzament hazin tal-fatti jaghti dritt illi l-mertu tal-kaz ikun ezaminat mill-gdid minn ottika ta' drittijiet fundamentali. Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgiba ta' kull awtorita' gudikanti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq ikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubur 2001). Hija setgha limitata biex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu ghaddew in gudikat. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrent qieghed ilibbes l-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ma huwa xejn hlief appell gdid mill-apprezzament milhuq mill-Bord. Isegwi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mil-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab;*

7. *Illi l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta jestablixxi procedura kongruwa mad-dettami tal-gustizzja naturali kif ukoll mal-linji gwida tal-isitutuzzjonijiet tal-Ewropa u huwa intiz sabiex jigi evitat abbuz f'applikazzjonijiet ta' natura serja bhal m'hija dik ta' status ta' refugjat meta tali applikazzjonijiet ikunu intizi biss sabiex jigi pprolungat dritt jew stay gewwa pajjiz <u>meta l-applikant m'ghandu ebda bazi sabiex jakkwista tali dritt</u>;*

8. *Illi l-esponenti Agenzija tecepixxi illi l-ezami li jkun sar mill-Agenzija ghall-Protezzjoni Internazzjonali jkun jinvolvi minnu nnifsu ezami tal-applikant u ghalhekk mhuwiex mehtieg li l-applikant jerga' jinstema mit-Tribunal innifsu jew li jressaq provi godda, ladarba t-Tribunal, bhala sede t'appell ikun qed jiddeciedi fuq dawk l-istess provi li jkun ressaqet l-*

*applikant. Dwar dan il-punt l-esponenti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ta' Alheto[4]. Il-Qorti kkunsidrat illi:*

*"114. …the requirement for a full and ex nunc examination implies that the court or tribunal seised of the appeal must interview the applicant,* ***unless it considers that it is in a position to carry out the examination solely on the basis of the information in the case file, including, where applicable, the report or transcript of the personal interview before that authority*** *(see, to that effect, judgment of 26 July 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, paragraphs 31 and 44). …*

*115. The words 'where applicable', contained in the limb of the sentence 'including, where applicable, an examination of the international protection needs pursuant to directive [2011/95]', underline … the fact that* ***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.****" (emphasis added)*

*Il-Qorti kompliet izzid illi:*

*Where the determining national authority (which, in Malta's case, is the Office of the Refugee Commissioner) has declared an application inadmissible due to the application of the "first country of asylum" principle under Article 35 of the Directive, the court or tribunal required to review that decision is not obliged to hear the applicant, as long as s/he has already been heard by that authority:*

*"126. It must be held, in that regard, that, in the event that the ground of inadmissibility examined by the court or tribunal hearing the action was also examined by the determining authority before the document contested in the action was adopted,* ***that court or tribunal may rely on the report of the personal interview conducted by that authority without hearing the applicant, unless it considers it necessary****.";*

*Johrog car illi l-Qorti jew Tribunal li jirrevedu l-applikazzjoni mhumiex marbuta li jaghmlu ezami tal-mertu, jew li jisimghu lill-applikant, izda jistghu jaghmlu dan biss fid-diskrezzjoni taghhom. B'mod partikolari, fejn l-Agenzija tkun ghamlet hija nfisha ezami tal-fatti tal-kaz (bhal ma gara propju f'dan il-kaz), ezami shih u ex nunc tal-fatti mhuwiex mehtieg minn Artikolu 46 (3) tad-Direttiva 2013/32, u dan hekk kif insenjat mill-Qorti tal-Gutizzja Ewropea;*

*Illi l-artikolu 23 et sequitur tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta huwa artikolu li ma jmurx kontra d-dettami tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u/jew tat-trattat dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem u li l-Qrati ghalhekk gja kellhom l-opportunita' jisthargu dan kollu;*

9. *Illi tenut kont is-suespost ukoll, l-esponenti jecepixxu illi l-artikolu 23 (5) tal-Kap. 420 tal-Ligijiet ta' Malta gie ssodisfat gialadarba t-Tribunal intimat immotiva r-raguni tieghu billi kkonceda li l-applikazzjoni hija legalment*

[4] *Court of Justice of the European Union (CJEU), fis-sentenza* ***Case C-585/16 Alheto*** *delivered by the Grand Chamber on 25 July 2018*

*manifestament infondata. Kif inghad, "***the full and ex nunc examination to be carried out by the court need not necessarily involve a substantive examination of the need for international protection <u>and may accordingly concern the admissibility of the application for international protection, where national law allows pursuant to Article 33(2) of Directive 2013/32.";</u>***

10. *Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti jirrilevaw illi l-ligi nazzjonali tirrifletti trasposizzjoni fidila tal-artikoli 31 (8) u l-artikolu 32 (2) tad-Direttiva dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (Direttiva 2013/32/EU);*

11. *Illi d-decizjoni tal-esponent Agenzija hija wahda korretta u mhux anti kostituzzjonali stante illi l-Qrati nostrani kif ukoll ewropej diga' kellhom l-opportunita' jiddikjaraw illi tali procedura hija konformi mal-principji legali ccitati;*

12. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda;*

13. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2023, il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimati u dderiġiet lill-partijiet sabiex jagħmlu provi u jitrattaw l-ewwel eċċezzjoni preliminari qabel ma ssir il-konsiderazzjoni fil-mertu.

Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ntavolata fid-9 ta' Mejju 2023 (fol 58) li permezz tagħha, fuq domandi tal-intimati, iddikjara li r-rikorrent Samih Fakhry Boutros Malty bejn l-1 ta' Jannar 2012 u d-9 ta' Mejju 2023 ippreżenta biss ir-rikors kostituzzjonali odjerna u dan fil-15 ta' Settembru 2022. Il-Qorti ħadet konjizzjoni wkoll tad-dokument anness (Dok CB, fol 59).

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2023, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx iktar provi xi jressqu fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi illi għamlu l-partijiet fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023 minn fejn jirriżulta illi l-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni in parte.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn qari tar-rikors promotur jirriżulta illi r-rikorrenti qed jilmenta minn lezjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu ta' *effective remedy* kif enunċjati fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif applikati fil-KAP 319 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-Artikolu 23 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta jmur kontra l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali

(Riformulazzjoni) u dan peress illi t-tħaddim tal-istess Artikolu 23 tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta ċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt tiegħu li jappella kontra deċiżjoni tal-Aġenzija intimata u għalhekk id-dispożizzjoni hija waħda arbitrarja u leżiva għad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati laqgħu billi qalu b'mod preliminari - **u għal finijiet ta' din id-deċiżjoni, qed issir referenza biss għall-ewwel eċċezzjoni** - illi r-rikorrenti kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju billi jressaq ilment taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex iħassar deċiżjoni amministrattiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**L-<u>intimati</u>** fis-sottomissjonijiet tagħhom jibdew biex isostnu n-nuqqas ta' applikabilità tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għall-każ odjern u dana stante li l-applikazzjoni għall-istat ta' refuġjat ma tinkwadrax *in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him* u dana peress li f'materja bħal din ma hemmx id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Dr Muhammed Mokbel Elbakry v Onor Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' Mejju 2009, u għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Dilek Saham et vs Ministru tal-Ġustizzja tal-Intern et** deċiża fit-22 ta' Frar 2013[5].

Jissottomettu li f'dan l-istadju din il-Qorti m'għandhiex biss id-diskrezzjoni li tirrifjuta li teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha minħabba illi jeżistu rimedji ordinarji imma din il-Qorti tista' tirrifjuta illi teżerċita l-poter kostituzzjonali tagħha anke għaliex is-suġġett illi għalih intalab rimedju mhux proponibbli quddiem din il-Qorti. F'dan ir-rigward jirreferu estensivament għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Wasim Rakib vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża fil-11 ta' Novembru 2022.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea jsostnu li l-fatt li r-rikorrent seta' jressaq l-ilment tiegħu permezz ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma jistax jingħad illi r-rikorrent ma kellux aċċess għal Qorti jew li d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv ġie kalpestat. Jikkontendu li r-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proċeduri biex jirrimedja dak li ma għamilx fil-ħin opportun. Isostnu għalhekk li r-rikorrent kellu jintavola kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju a bażi tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 u billi ħalla t-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur jgħaddi ma jfissirx li dik il-passività tiġi ssanata permezz ta' azzjoni kostituzzjonali.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 23 *et sequitur* tal-Kap 420 imur kontra l-Artikolu 46 tad-Direttiva 2013/32/EU tal-Parlmament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (Riformulazzjoni), isostnu li din it-talba ma tistax tiġi akkolta minn din il-Qorti stante li t-talba ma tressqitx permezz tal-forma ta' rikors ġuramentat u fl-

[5] Issir referenza wkoll għall-Gwida tal-Kunsill Ewropew "Asylum and the European Convention on Human Rights" ta' Nuala Mole u Catherine Meredith, kif ukoll għat-tielet edizzjoni ta' Harris O'Boyle & Warbick *Law of the European Convention on Human Rights*

isfond tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 164 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan jirreferu estensivament għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Mariama Ngady Parsons vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali** deċiża fl-1 ta' Marzu 2022[6]. Għalhekk isostnu li la darba dik deskritta kienet tkun il-proċedura korretta jsegwi li l-unika rimedju ordinarju u effettiv pertinenti għar-rikorrent kien proprju dik l-azzjoni ċivili u mhux dik odjerna.

Min-naħa tiegħu r-**rikorrent** isostni li l-Artikolu 23(4) tal-Kap 420 tal-Liġijiet ta' Malta nnifsu jikkontradixxi dak li qiegħed jingħad mill-intimati stante li minnu nnifsu jistipula li ma jista' jkun hemm ebda appell mid-deċiżjoni tac-Chairperson tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u dan kif ikkonfermat fid-deċiżjoni tal-istess Tribunal fl-ismijiet **Oksama Solopko et vs International Protection Agency**, u għalhekk ma hemm ebda rimedju ordinarju li jista' jużufruwixxi minnu r-rikorrent.

Jikkontendi li lanqas ma kellu rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li huwa biss fl-ambitu amministrattiv li tista' ssir reviżjoni tiegħu, u in sostenn ta' dan jirreferi estensivament għad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Eleonora Shokur pro et noe vs Attorney General et** deċiża fis-17 ta' Frar 2022, **Svitlana Ivanenko vs the Agency for International Protection** datata 14 ta' Lulju 2022, **Toufik Boumaaza vs l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża fit-8 ta' Marzu 2023, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emmanuel Ciantar vs the Commissioner of Police** deċiża fit-2 ta' Novembru 2001.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimati li t-talba vis-a-vis id-direttiva 2013/32/EU kellha ssir permezz ta' rikors ġuramentat isostni li t-talba tar-rikorrent hija ta' dikjarazzjoni li minħabba t-traspostazzjoni ħażina tal-istess direttiva fil-Kap 420 qed jiġu leżi d-drittijiet tal-istess rikorrent u għalhekk it-talba mhix waħda ta' natura amministrattiva u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li r-rikors jiġi intavolat permezz ta' rikors ġuramentat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħrufa għalhekk is-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara li b'dak illi sejra tgħid u tiddeċiedi l-Qorti illum, hadd ma għandu jaħseb jew jinterpreta din id-deċiżjoni bħala deċiżjoni jew espressjoni tal-Qorti fil-mertu – imma trid titqies biss fil-kuntest tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata u hawnhekk deċiża.

Din il-Qorti tinnota li permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u l-Avukat tal-Istat ma trattawx biss l-ewwel eċċezzjoni tagħhom iżda trattaw ukoll it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tagħhom. Il-Qorti tosserva li permezz tal-verbal tas-17 ta' Frar 2023, kien ċar li din

[6] Issir referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Olena Caruana Verbystska vs Avukat Ġenerali et** deċiża fid-29 ta' Marzu 2019, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmela sive Charles Attard et noe vs Domenic Micallef et noe** deċiża fit-28 ta' Jannar 2000.

id-deċiżjoni kellha tirrigwarda biss l-ewwel eċċezzjoni tal-istess intimati u ċjoè dwar jekk ir-rikorrenti kellux rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Filwaqt li l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, similarment jipprovdi li:

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjonioriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persunaskont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġdawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq,jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekktagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et**[7] deċiża fid-29 ta' April 2013 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "**Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

---

[7] 68/2011

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "**Philip Spiteri vs Sammy Meilaq**" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "**Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et**" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk*

> *il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*
>
> *Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et**" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*
>
> *Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[8] b'referenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

> *"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[9]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indoli Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[10]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[11]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[12].

Fil-ktieb tiegħu "**Leading Cases in Maltese Constitutional Law**" Tonio Borg f'paġna 608 jgħid is-segwenti:

> *The proviso to article 46(2) has been abused of by both the Court and by defendants who have raised it in several constitutional cases. Although the constitutional remedy is one of last resort, it is up to the*

---

[8] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[9] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[10] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 ta' April 1995
[11] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002
[12] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000

> *Court to decide whether to decline to exercise its jurisdiction. The discretion to be exercised by the Court is double. It first decides whether an adequate, accessible, practical remedy under ordinary law exists to its satisfaction, and then it has another discretion, that of deciding whether to continue hearing the case or not. It is amply clear that even if an ordinary remedy exists, the Court of constitutional jurisdiction may still refuse to decline to exercise its constitutional competence. What is a discretion of the Court has been transformed into a standard plea raised by the Attorney General's Office and other defendants in constitutional cases.*

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ir-rikorrent kellux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhu.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[13]:

> *….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*

Illi din il-Qorti kif preseduta, dejjem fittxet illi ma tħallix abbuż minn dan l-artikolu, jiġi minn fejn jiġi. Imma dejjem irriteniet ukoll illi safejn jirriżulta illi kien hemm proċeduri ordinarji x'jittieħdu, u una volta din hija Qorti Kostituzzjonali fejn ir-rimedju quddiemha għandu jkun dejjem dak "*of last resort*", allura dejjem xaqilbet favur illi teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, dejjem fil-parametri ta' dak permess u mgħallem, billi ma teżerċitax il-poteri tagħha fir-rigward tal-mertu tal-vertenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti għalhekk u f'dan il-kaz jeħtieġ li teżamina l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk dan kienx jipprovdi għar-rikorrent rimedju ordinarju li kien aċċessibbli, xieraq, effettiv u effikaċi għall-ilmenti tiegħu.

Il-Qorti tibda billi tirreferi għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, fost oħrajn fil-kawża **Paul Magri u martu Jane vs Prim Ministru u s-Sindku u Segretarju**

[13] Rik 40/10

**Ezekuttiv Kunsill Lokali Qormi u Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2015[14]:

*Din il-Qorti tibda sabiex taghmel referenza ghal uhud mill-principji identifikati mill-gurisprudenza lokali fil-materja ta' rimedju ordinarju fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Procedura.*

*"Rikors Kostituzzjonali huma minn natura taghhom, specjali u straordinarji, u meta s-sistema ordinarja ta' ridress tipprovdi mod ta' soluzzjoni effettiva, dik is-sistema ordinarja trid tigi uzata u adottata qabel ma l-Gvern jew l-amministrazzjoni taghha jigu akkuzati bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ma jistghax jinghad li l-Gvern ikun kiser id-drittijiet fundamentali tal-cittadin, meta lic-cittadin ikunu provduti u hemm disponibbli ghalih rimedji ghal-lanzjanza tieghu" [PA Nardu Balzan Imqareb vs Registratur tal-Qrati, deciza 18 Mejju 2006; ara wkoll Q.Kos. Christopher Hall et vs Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali, deciz 18 Settembru 2009]]*

*"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja' gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda. [Q. Kos Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija, deciza 2 Novembru 2001]*

*"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (l)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kienitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja.... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jistqies l-artikolu 469A tal-Kap.12 – indiviwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti*

*"Fi kliem iehor ..... l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta' l-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-*

[14] 11/2012JZM

*kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 ...[Christopher Hall, supra]*

*"A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat ex officio mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skont l-imsemmi Artikolu 469A; <u>dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat ex officio mill-Qorti</u>.[15]" [Christopher Hall – supra]*

Oltre minn hekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Toufik Boumaaza vs l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża fit-8 ta' Marzu 2023, fejn il-Qorti kellha l-opportunità teżamina eċċezzjoni prattikament identika u kkonkludiet is-segwenti:

14. *Il-Qorti tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, li fl-artikolu 7 tiegħu jistabbilixxi t-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali, li għandu s-setgħa jiddeċiedi appelli kontra deċiżjonijiet mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali. Dan it-Tribunal għandu l-poter jisma' appelli sħaħ u ex nunc fuq fatti u fuq punti ta' liġi kontra d-deċiżjoni li tkun ingħatat fir-rigward ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Persuna li tappella quddiem it-Tribunal għandha tagħmel dan fi żmien ħmistax-il jum minn meta ssir in-notifika lill-applikant tad-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, u sussegwentement it-Tribunal jista' jagħmel smigħ orali jew inkella jista' jagħżel li jitlob li jsiru sottomissjonijiet bil-miktub fi żmien mhux aktar minn ħmistax-il jum mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tal-appell. Fi kwalunkwe każ, il-liġi tgħid li t-Tribunal irid jagħlaq il-proċeduri fi żmien tliet xhur, u d-deċiżjoni tat-Tribunal hija waħda finali u konklużiva, u ma tista' tiġi kkontestata jew appellata quddiem l-ebda qorti tal-ġustizzja.*

[15] Sottolinear tal-Qorti għall-emfasi

15. *L-artikolu 23 tal-Kap. 420 imbagħad jipprovdi għal proċeduri aċċellerati, f'każijiet fejn l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tal-applikant hija manifestement infondata bħal fil-każ odjern. Il-liġi tgħid li applikazzjonijiet bħal dawn għandhom jiġu eżaminati fi żmien tliet ijiem ta' xogħol, u d-deċiżjoni tal-Aġenzija għandha tiġi minnufih mibgħuta liċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali sabiex jeżamina u jirrevedi d-deċiżjoni tal-Aġenzija, u dan fi żmien tliet ijiem ta' xogħol. Is-subinċiż (4) tal-artikolu 23 tal-Kap. 420 jistipula wkoll li d-deċiżjoni taċ-Chairperson tat-Tribunal tal-Appelli għal Protezzjoni Internazzjonali dwar jekk l-applikazzjoni tkunx waħda manifestement infondata, għandha tkun waħda finali u konklussiva, u minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda appell jew għamla ta' reviżjoni ġudizzjarja oħra ma tista' ssir quddiem it-Tribunal jew quddiem xi qorti oħra. Dan ifisser li ladarba l-Aġenzija intimata tiddeċiedi li l-applikazzjoni tar-rikorrent hija waħda "manifestement infondata", il-proċeduri mibdija mill-applikant jinstemgħu b'mod aċċellerat li ma jagħtux lok li l-persuna li tkun qegħda tittieħed id-deċiżjoni dwarha, tinstema' jew tagħmel sottomissjonijiet bil-miktub. Effettivament dak li tgħid il-liġi huwa li l-Aġenzija intimata tirreferi d-deċiżjoni tagħha liċ-Chairperson tat-Tribunal, li għandu biss tliet ijiem ta' xogħol biex jirrevedi u jeżamina d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata. Il-loġika tiddetta li f'dawn iċ-ċirkostanzi għandu jkun hemm żmien suffiċjenti biex isiru sottomissjonijiet min-naħa tal-applikant, kif ukoll biex ikun hemm smigħ xieraq, għalkemm bil-liġi kif inhi miktuba ċ-Chairperson tat-Tribunal huwa mistenni li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija dwar l-applikazzjoni hijiex waħda "manifestement infondata", bil-konsegwenzi kollha li deċiżjoni bħal dik iġġib magħha għall-persuna li tkun applikat. Dan huwa dak li tgħid il-liġi li għandu jsir, u jirriżulta li hekk sar fil-każ odjern, għaliex id-deċiżjoni aħħarija taċ-Chairperson tat-Tribunal ingħatat fi żmien ġimgħa minn meta ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali. L-Aġenzija tat id-deċiżjoni tagħha fil-21 ta' April, 2021, u t-Tribunal ikkonferma din id-deċiżjoni fit-28 ta' April, 2021. F'dan irrigward, il-Qorti tagħmel riferiment għal sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Mariama Ngady Parsons vs. l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et[16]:*

*"Dan ifisser li r-referenza lit-Tribunal hija waħda unilaterali u awtomatika u mhux volontarja, sabiex issir reviżjoni u eżami tad-deċiżjoni. Għalhekk il-funzjoni tat-Tribunal ma hix stricto jure bħala waħda ta' tieni istanza, iżda pjuttost waħda ta' konvalidazzjoni tal-ewwel deċiżjoni. Il-persuna li tkun applikat ma għandha ebda sehem jew intervent f'din il-proċedura."*

[16] 1.03.2022

16. ***Il-Qorti tosserva li dak li qiegħed jilmenta dwaru r-rikorrent fil-każ odjern, mhuwiex li kien hemm awtorità amministrattiva li naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali fil-konfront tiegħu, jew li din naqset milli tosserva r-rekwiżiti proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dan l-għemil. Ir-rikorrent fil-każ odjern qiegħed jilmenta mill-fatt li l-liġi kif imfassla mil-leġislatur, u kif qiegħda tiġi applikata, qegħda ċċaħħdu milli jingħata smigħ xieraq, bi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.***[17] *Ir-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt li l-leġislatur stabbilixxa li d-deċiżjoni taċ-Chairperson tat-Tribunal hija waħda finali, minkejja t-terminu verament qasir li huwa għandu bil-liġi sabiex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija, u minkejja li f'dan it-terminu ta' żmien daqstant qasir l-applikant ma jkunx jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet sabiex iċ-Chairperson tat-Tribunal imur kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija li tkun diġà ddeċidiet, li l-applikazzjoni tiegħu hija "manifestement infondata". Il-Qorti tfakkar li deċiżjonijiet bħal dawn jittieħdu abbażi ta' intervista li ssir lill-applikant minn uffiċjal pubbliku li jeżamina l-applikazzjoni u r-risposti li jingħataw mill-applikant, u jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu qabel jasal għad-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni li jkollu quddiemu. Mid-dokumenti li jinsabu in atti mhuwiex ċar jekk l-Aġenzija intimata għamlitx riċerka indipendenti dwar dak li ġie sottomess mir-rikorrent qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha, u jekk sarux verifiki ulterjuri dwar ir-rappreżentazzjonijiet li saru minnu, qabel ġie deċiż li r-risposti mogħtija mir-rikorrent ma kinux konvinċenti, u li l-pajjiż li joriġina minnu r-rikorrent huwa wieħed sigur, u li għalhekk dan m'għandux jedd jingħata l-protezzjoni li talab għaliha.*

17. ***Il-Qorti fuq kollox ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-intimati li fil-każ odjern ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju ulterjuri disponibbli għalih. Il-kliem tal-liġi huwa ċar, u jgħid li d-deċiżjoni taċ-Chairperson, li tittieħed b'mod verament aċċellerat, hi waħda finali, u dan meta jkun diġà ġie deċiż mill-uffiċjali tal-Aġenzija li l-applikazzjoni in kwistjoni tkun waħda "manifestement infondata". Persuni bħall-applikant għalhekk m'għandhom l-ebda rimedju disponibbli għalihom, għaliex in-nuqqas li qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent mhuwiex wieħed adoperat mill-awtorità amministrattiva li ħadet id-deċiżjoni, iżda mil-leġislatur li stabbilixxa li m'hemm l-ebda rimedju ulterjuri wara l-konferma taċ-Chairperson tat-Tribunal li l-applikazzjoni tkun manifestement infondata.***[18] *Dan ifisser li l-eċċezzjoni sollevata mill-awtoritajiet intimati li r-rikorrent kellu*

[17] Emfażi tal-Qorti
[18] Emfażi tal-Qorti

> *rimedju ordinarju disponibbli, mhijiex mistħoqqa u għalhekk mhijiex sejra tiġi milqugħa.*

Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

Il-Qorti qiegħda għalhekk issib illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati ma hix fondata u għalhekk ser tiġi respinta.

**Għaldaqstant** għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qiegħda:

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

2. **Tordna** l-prosegwiment tal-proċeduri.

Il-Qorti qed tirriżerva li tipprovdi dwar l-ispejjeż ta' din is-sentenza in parte mas-sentenza finali.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**